



Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2015/2062(INI)

12.5.2017

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar is-sistemi penitenzjarji u l-kundizzjonijiet fil-ħabsijiet
(2015/2062(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Barbara Matera

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal risoluzzjoni tiegħu:

- A. billi, fil-medja, in-nisa jirrappreżentaw 4,5 % tal-priġunieri fit-28 Stat Membru u billi ż-żieda fl-għadd tan-nisa fil-ħabsijiet hija parzjalment dovuta għall-fatt li l-kundizzjonijiet ekonomiċi tan-nisa qed jiżnu; billi s-segregazzjoni tal-priġunieri nisa skont l-età hija prinċipju fundamentali tal-protezzjoni tal-minorenni; billi kull ċentru ta' detenzjoni għandu jkollu taqsima li fiha jkun jistgħu jinżammu l-priġunieri vulnerabbli;
 - B. billi l-priġunieri nisa spiss huma ommijiet u jrabbu wliedhom iżgħar weħidhom; billi, minħabba l-kopertura territorjali xejn uniformi ta' stabbilimenti li jistgħu jakkomodawhom, dawn in-nisa spiss jinżammu l' bogħod minn uliedhom u jsofru aktar minħabba t-tarbit tar-rabtiet familjari tagħhom;
 - C. billi n-natura mhux imħallta tal-attivajiet u l-iżolazzjoni tal-kwartieri tad-detenzjoni tan-nisa f'ħabsijiet fejn hemm priġunieri taż-żewġ sessi jagħmluha partikolarment diffiċli li n-nisa jkollhom aċċess għal faċilitajiet sanitarji, spazji soċjokulturali, faċilitajiet sportivi jew libreriji; billi mhux il-priġunieri nisa kollha jistgħu jikkupaw kariga f'servizzi ċentrali tal-ħabs minħabba li huma pprojbiti milli jiffrekwentaw ċerti faċilitajiet komuni; billi dan l-aċċess, li għandu jkun iżgħurat għall-priġunieri nisa, jgħinhom jerġgħu jibnu ħajjithom soċjali u jagħmel il-ħajja fil-ħabs anqas aljenanti, ħaġa li hija prekundizzjoni għal kwalunkwe reintegrazzjoni;
 - D. billi r-Regola Ewropea dwar il-ħabsijiet 19.7 tiddikjara li "għandha ssir provvista speċjali għall-ħtiġijiet sanitarji tan-nisa" u r-Regola 23(1) tar-Regoli Minimi Standard dwar it-Trattament tal-Priġunieri tiddikjara li "fl-istituzzjonijiet tan-nisa, għandu jkun hemm akkomodazzjoni għall-kull trattament ta' qabel it-twelid u ta' wara t-twelid"; billi, madankollu, dawn ir-regoli rari jiġu rrispettati fl-Istati Membri, u, kif jinnota l-Osservatorju Ewropew tal-ħabsijiet, "fil-prattika, il-ħtiġijiet sanitarji tan-nisa xi drabi jintesew u mhux dejjem jiġu rrispettati";
 - E. billi l-Kumitat Ewropew għall-Istandards dwar il-Prevenzjoni tat-Tortura u tat-Trattament jew tal-Pieni Inumani jew Degradanti jirrikjedi li l-ħabsijiet ikollhom persunal taż-żewġ sessi, u li "t-tiftix fuq il-persuni mċaħħda mil-liberta tagħhom għandu jsir biss minn persunal tal-istess sess u kwalunkwe tiftixa li tirrikjedi li persuna detenuta tinża hwejjigħa għandha ssir fejn membri tal-persunal kustodjali tas-sess oppost ma jistgħux jarawha"; billi r-Regoli Minimi Standard dwar it-Trattament tal-Priġunieri jiddikjaraw li "l-ebda membru tal-persunal raġel ma għandu jidħol fil-parti tal-istituzzjoni allokata għan-nisa dment li ma jkunx akkumpanjat minn uffiċjal mara", u li "l-priġunieri nisa għandhom ikunu taħt il-kura u s-superviżjoni ta' uffiċjali nisa"; billi, madankollu, dawn il-prattiki mhux dejjem jiġu segwiti fl-Istati Membri;
1. Jistieden lill-Istati Membri jiġbru informazzjoni dwar l-aspetti kollha tal-priġunerija, janalizzaw id-data kollha skont il-ġeneru u jagħmlu l-istatistika disponibbli sabiex nifhmu liema huma l-aktar reati u offiżi komuni li jitwettqu min-nisa, u jistedinhom iqisu wkoll forom alternattivi ta' detenzjoni għal reati minuri; jistieden lill-Istati Membri, f'dan ir-rigward, jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jikkumbattu s-sovrappopolazzjoni tal-

ħabsijiet, li bl-ebda mod ma tista' titħalla tikkostitwixxi ostaklu għall-prinċipju tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa;

2. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-ħabsijiet jissodisfaw kull ħtieġa sanitarja u tas-saħħa tan-nisa, inkluż rigward is-saħħa ġinekoloġika, il-kura ta' qabel u ta' wara t-twelid, prodotti għall-mestrwazzjoni u s-saħħa sesswali u riproduttiva, u jieħdu miżuri adatti biex jindirizzaw il-livell sproporzjonatament għoli tal-użu ta' drogi fost il-primunieri nisa;
3. Jinnota li l-mard mentali huwa aktar frekwenti min-norma fost in-nisa fil-ħabs, u li n-nisa huma aktar suxxettibbli li jidorbu lilhom infushom, jikkommettu suwiċidju, ikollhom problemi tad-droga u tal-abbuż tal-alkoħol u jsofru minn sfruttament sesswali; jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-kundizzjonijiet għan-nisa fil-ħabsijiet billi jqisu l-ħtieġijiet speċifiċi tagħhom, fost l-oħrajn permezz ta' appoġġ psikoloġiku, prevenzjoni, monitoraġġ kif ukoll trattament adatt u suffiċjenti ta' problemi tas-saħħa fiżika u mentali; jistieden lill-Istati Membri, għaldaqstant, jinvestu f'persunal ta' apoġġ kwalifikat biex jiżguraw li dawn il-kwistjonijiet jiġu indirizzati u li jkun jista' jsir titjib tanġibbli, u jipprovdu, fejn dan ikun possibbli, għas-segregazzjoni tan-nisa skont l-età u għal taqsima għall-aktar primunieri vulnerabbli;
4. Jistieden lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tas-saħħa, tad-dinjità u tal-privatezza tan-nisa fiċ-ċentri ta' detenzjoni, fir-rigward tal-ħtieġijiet mediċi u iġġeniċi speċifiċi tagħhom, minħabba li dawn jistgħu jiġu ttraskurati jew ittrattati b'mod inadatt minħabba l-għadd żgħir ta' nisa f'dawn iċ-ċentri; ifakkar lill-Istati Membri li komponent essenzjali tad-dinjità umana huwa li persuna tkun tista' terġa' tikseb l-istima tagħha nfisha;
5. Iqis li huwa essenzjali li tingħata attenzjoni speċjali għall-ħtieġijiet tan-nisa fil-ħabsijiet waqt it-tqala u wkoll wara li jkunu welldu, bil-provvista ta' spazji adegwati li fihom ikunu jistgħu jreddgħu u ta' kura minn infermiera kwalifikata u speċjalizzati; iqis li huwa xieraq li ssir riflessjoni fuq mudelli alternattivi li jqisu l-benessri tat-tfal fil-ħabsijiet; isostni li s-separazzjoni awtomatika tal-omm minn binha jew bintha toħloq disturbi emozzjonali maġġuri għat-tifel jew tifla, u tista' tikkostitwixxi piena addizzjonali għall-omm; jistieden lill-Istati Membri jimplementaw provvedimenti li bihom l-ommijiet ikunu jistgħu jibqgħu ma' wliedhom għall-itwal żmien possibbli; jistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri biex jappoġġjaw lil primunieri li jkunu ommijiet billi jipprovdu appoġġ prattiku u finanzjarju għal uliedhom li jkunu qed iżuruhom u għal min ikun qed jieħu ħsieb dawn l-ulied, u billi jestendu l-ħinijiet taż-żjajjar għat-tfal u l-ħin tat-telefonati għall-ommijiet; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva għan-nisa fil-ħabsijiet;
6. Jistieden lill-Istati Membri ma jibqgħux jittolleraw il-vjolenza kontra l-primunieri nisa u l-prattiki degradanti li jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem; jistieden lill-Istati Membri jieħdu azzjoni proattiva u preventiva fil-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza mwettqa fil-ħabsijiet minn membri tal-persunal u minn primunieri oħra kontra n-nisa u l-persuni LGBTQI; jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipprovdu appoġġ psikoloġiku, permezz ta' membri tal-persunal kwalifikati, lill-primunieri nisa kollha li jisfaw vittmi ta' forom multipli ta' vjolenza;
7. Jissottolinja l-kundizzjonijiet diffiċli li l-persuni transġeneru jġarrbu fil-ħabsijiet; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw l-aċċess għat-trattament ormonali u għall-appoġġ psikoloġiku għal persuni li jkunu għaddejmin minn tranżizzjoni tal-ġeneru, u li dawn il-persuni

jinżammu f'ħabsijiet li jikkorrispondu għall-identità sesswali tagħhom;

8. Jenfasizza l-vulnerabbiltà estrema tal-priġunieri LGBTQI, li jiffaċċjaw l-akbar riskju ta' diskriminazzjoni, abbuż u vjolenza sesswali; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu ċelel individwali biex jiżguraw is-sikurezza, id-dinjità u l-privatezza ta' priġunieri transsesswali u intersesswali;
9. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri fejn prostituti nisa jiġu detenuti għaliex iħajru lil klijenti prospettivi jirvedu l-leġiżlazzjoni tagħhom fid-dawl tal-mudell Żvediż, u jipproponu strateġiji li jgħinu lill-prostituti jabbandunaw il-prostitutazzjoni;
10. Jikkundanna, bi rbit ma' dan, il-prattika sistematika li n-nisa detenuti mill-pulizija jitneħħielhom il-bra, Prattika li mhijiex proporzjonata għar-riskji involuti;
11. Jitlob li l-Kummissjoni tistabbilixxi bi prijorità pjan ta' azzjoni biex timplimenta u tevalwa l-istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu b'politika ta' approċċ speċifiku skont il-ġeneru, inklużi rakkomandazzjonijiet biex jipprevjenu r-radikalizzazzjoni tan-nisa fil-ħabsijiet abbażi tal-aqwa Prattiki; jistieden lill-Istati Membri jikkoordinaw l-istrateġiji tagħhom u jaqsmu bejniethom l-informazzjoni u l-esperjenzi li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom bil-għan li jieħdu kull azzjoni meħtieġa biex jipprevjenu r-radikalizzazzjoni potenzjali tan-nisa fil-ħabsijiet; jirrimarka li l-gruppi terroristiċi jistgħu jinvolve lin-nisa detenuti b'ħafna modi differenti, inkluż permezz taż-żwieġ u billi jipperswaduhom biex jirreklutaw lil ħaddieħor jew iwettqu atti vjolenti; ifakkar fil-bżonn li, matul il-perjodu ta' priġunerija u warajh, jiġu implimentati miżuri ta' għajjnuna soċjali maħsuba biex jippreparaw u jassistu lill-ħabsin fir-reintegrazzjoni tagħhom, b'mod partikolari fis-sejbien ta' akkomodazzjoni u impjieg, bil-għan li jkunu evitati sitwazzjonijiet ta' esklużjoni soċjali u ta' reċidiviżmu;
12. Iqis li huwa essenzjali li l-priġunieri nisa u LGBTQI ikollhom aċċess adegwat għal servizzi tal-kura tal-ġisem u tal-iġjene personali; jenfasizza li l-kura tal-ġisem u l-iġjene personali huma drittijiet inaljenabbli tal-persuna u li dawn iridu jitqiesu li huma marbuta mal-benessri mentali;
13. Jirrikonoxxi li l-livell ta' edukazzjoni tan-nisa fil-ħabsijiet huwa pjuttost baxx, fil-medja; jitlob lill-Istati Membri, għaldaqstant, jiddedikaw aktar attenzjoni għal programmi edukattivi, għat-taħriġ vokazzjonali u għal miżuri ta' reintegrazzjoni soċjali, bil-għan li jiffaċilitaw ir-reintegrazzjoni tan-nisa fis-soċjetà;
14. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li jsegwu l-istandards internazzjonali u Ewropej dwar id-distribuzzjoni tal-ġeneri fost il-persunal, bil-għan li jipproteġu lill-priġunieri nisa mill-vjolenza min-naħa ta' membri tal-persunal irġiel;
15. Iqis li huwa essenzjali li jittieħdu passi adatti biex jiżguraw ir-reintegrazzjoni sħiħa u ġusta tal-priġunieri nisa, inkluż permezz tal-eradikazzjoni ta' Prattiki li jippreparaw lin-nisa għal xogħol li fih jitħallsu anqas mill-irġiel, bħal fl-industrija tat-tessuti u fit-tindif, u permezz tal-implimentazzjoni ta' programmi ta' reintegrazzjoni speċifiċi għall-ġeneri;
16. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu taħriġ adatt lill-membri tal-persunal mediku u tal-ħabs li jaħdmu ma' priġunieri nisa, minħabba li n-nisa spiss ikunu soġġetti għal atti ta' abbuż, vjolenza jew sfruttament speċifiċi għall-ġeneru min-naħa ta' priġunieri oħra jew ta'

membri tal-persunal.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	11.5.2017
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 22 -: 2 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Daniela Aiuto, Maria Arena, Beatriz Becerra Basterrechea, Malin Björk, Iratxe García Pérez, Arne Gericke, Anna Hedh, Mary Honeyball, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Florent Marcellesi, Angelika Mlinar, Margot Parker, Marijana Petir, Pina Picierno, Jadwiga Wiśniewska, Jana Žitňanská
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Izaskun Bilbao Barandica, Edouard Martin, Clare Moody, Jordi Solé, Mylène Troszczynski, Monika Vana, Julie Ward
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Eduard Kukan, Claudia Schmidt, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Axel Voss

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

22	+
ALDE	Beatriz Becerra Basterrechea, Izaskun Bilbao Barandica, Angelika Mlinar
EFDD	Daniela Aiuto
GUE/NGL	Malin Björk
PPE	Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Eduard Kukan, Claudia Schmidt, Axel Voss
S&D	Maria Arena, Iratxe García Pérez, Anna Hedh, Mary Honeyball, Edouard Martin, Clare Moody, Pina Picierno, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Julie Ward
VERTS/ALE	Florent Marcellesi, Jordi Solé, Monika Vana

2	-
EFDD	Margot Parker
ENF	Mylène Troszczynski

4	0
ECR	Arne Gericke, Jadwiga Wiśniewska, Jana Žitňanská
PPE	Marijana Petir

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni